**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Magistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. (Can.)**

**Rikors Nru.: 224/17 CSH**

**Bank of Valletta p.l.c. (C2833)**

**Vs**

**Mario Louis Bonello (I.D. 198082M)**

**Illum 15 ta' Novembru, 2017.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors prezentat mis-socjeta' Bank of Valletta p.l.c. fis-17 ta' Awissu, 2017 fejn l-istess socjeta' talbet lil din l-Onorabbli Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' sitt elef, sitt mija u wiehed u sittin Ewro u hamsa u erbghin centezmu (€6661.45) bilanc ghad-debitu fil-"Consumer Loan Account" tieghu mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "A1 sa A2") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-5 ta' Awissu 2017 sad-data tal-effettiv pagament, liema Loan giet moghtija lilu permezz ta' skrittura privata datata 22 ta' Lulju 2008 (Dok. "B").

U dan wara li jigi dikjarat li sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskrittura privata hawn fuq indikata (Dok. "B") partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-konvenut Mario Louis Bonello (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulate fl-imsemmija skrittura, u (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess skrittura sopraindikata, u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess konvenut li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici u b'hekk il-konvenut iddekada mill-beneficcju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f'daqqa.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 18 ta' Marzu 2014 (Dok. "C") u tal-Mandat ta' Sekwestru li qed jigi pprezentat kontestwalment kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat illi l-intimat gie notifikat bir-rikors u bl-avviz tas-smiegh fil-5 ta' Settembru, 2017 skond riferta tal-Purtier Godfrey Burrows a fol. 18 tergo tal-process.

Rat in-nota pprezentata mill-intimat Mario Louis Bonello fis-7 ta' Novembru, 2017, li permezz taghha huwa kien qieghed jammetti t-talbiet tal-bank attur.

**Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat in-nota ta' ammissjoni tal-intimat Mario Louis Bonello, tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-bank attur is-somma ta' sitt elef, sitt mija u wiehed u sittin Ewro u hamsa u erbghin centezmu (€6661.45) flimkien mal-imghax ulterjuri mill-5 ta' Awissu 2017 sad-data tal-effettiv pagament.**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 18 ta' Marzu 2014 bin-numru 687/14 u tal-Mandat ta' Sekwestru prezentat kontestwalment.**

Dott. C. Scerri Herrera LL.D.

Magistrat

Marbeck Spiteri

Deputat Registratur